# Best Of Puglia

## Inżuru: Bari, Trani, Altamura, Gravina Di Puglia, Gargano, Monte Sant Angelo, Ostuni, Polignano Al Mare & Alberobello

**Gruppi A: 18 – 22 ta'Ġunju B: 22 - 26 t'Awwissu Ċ 10 – 14 ta'Settembru**

**L-Ewwel Jum** Niltaqgħu mat-tour leader fis-03:45 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għat-titjira Ryanair FR7108. għal Bari li titlaq 05:45 u naslu 07:05. **Grupp B** Niltaqgħu mat-tour leader fis-07:30 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għat-titjira Ryanair FR7108. għal Bari li titlaq 10:00 u naslu 11:05. Nitilqu bil-coach lejn **Bari** l-kapitali tar-Reġjun ta' Puglia. Bari mlaqqma bħala "t-tieni Napli". Mal-leader nagħmlu dawra interessanti fejn inżuru c-centru storiku, Bażilika ta' San Nikola, Piazza Ferrarese, Teatro Petruzzelli u l-ġmiel tal-lungo mare. Ħin liberu ġewwa Via Sparano. Ħin individwali għax-xiri. Nirritornaw lejn Andria, ċena u filgħaxija ħarġa oħra mal-leader biex ingawdu l-belt sabiħa t'Andria bħal Corso Cavour u piazza Catuma

**It-Tieni Jum** Kolazzjon: Bil-coach nitilqu lejn **Altamura** li tinsab fuq waħda mill-għoljiet tal-plateau Murge. Mal-leader dawra fejn inżuru katedral b'faċċata mill-isbaħ, Piazza Duomo, Corso Federico, Porta Bari. Hin liberu biex induqu l-ħobża ta' kwalita' magħrufa ġewwa Altamura. Wara inkomplu bil-coach lejn **Gravina Di Puglia.** Kif naslu mal-leader inżuru Villa Comunale, Piazza Benedettu XIII, il-katedral u il-Panorama Belveder "Le Gravine Pugliesi" fejn inħaddmu xi xeni mill-films ta' James Bond. Ħin liberu għall ikel u xiri tas-souveniers (Cola Cola). Wara nkomplu mal-leader biex inżuru l-parti meqjusa bħala ġawra kkaratteristika mnaqqxa bil-blat, wied b'kuntatt man-natura li jaqsam canyon pittoresk, fejn naraw il-pont akwedott il-magnifico, l-għerien u l'irdumjiet u civiltajiet ta' blat. Ritorn lejn Andria, Cena u ħarġa mal-leader biex ingawdu Andria mal-lejl.

**It-Tielet Jum** Kolazzjon: Illum nibdew vjaġġ panoramiku fuq promontorju muntanjuż minħabba l-pożiżżjoni ġeografika li jinsab il **Gargano** l-aktar għolja varjata immaġinabbli f'Puglia. Vjaġġ pittoresk sakemm naslu **Monte Sant Angelo** fejn hemmhekk niskopru għar kbir u fond ħafna dedikat lil San Mikiel. Ħin għax-xiri u wara nkomplu naqsmu l-Gargano sakemm naslu **San Ġiovanni Rotondo**. Inżuru l-Knejjes, il-mużew, kull ħaġa relatata ma' San Padre Pio. Ħin għax-xiri ta' souveniers u ikel. Tluq lejn Andria u ngħaddu mit-territorji sabiħ viċin l-Adrijatiku ta' Puglia. Ċena u ħarġa flimkien mal-leader ġewwa Andria.

**Ir-Raba' Jum** Kolazzjon: Tluq lejn **Ostuni** meqjusa "La piu' bella Citta' Bianca". Mal-leader inżuru siti turistiċi bħal Piazza Oronzo, centro citta', Duomo u l-Belveder. Ħin liberu u nkomplu lejn **Locorotondo** Waqfa b'esperjenza sabiħa lejn iċ-ċentru riservat tajjeb mibni madwar sqaqien dojoq u djar zgħar rettangolari b'soqfa bil-ponta mimlija fjuri. Wara nkomplu naqsmu ambjent mimli b'vinji u msaġar taż-żebbuġ sakemm naslu **Alberobello** rinomat Unesco World Heritage. Mal-leader niskopru "IT-TRULLI" (Rione Monti) mibnija b'dawn id-djar żgħar bil-ġebel u koppli żgħar. Ikollna ħin għax-xiri tas-souveniers. Ritorn lejn Andria, wara l-ikla ħarġa oħra mal-leader.

**Il-Ħames Jum** Kolazzjon: Tluq lejn **Santa Maria di Colonna** fejn nagħmlu waqfa ħalli ngawdu 'La Riva Al Mare' u l-lungomare Cristoforo Colombo. Inkomplu lejn Il-belt sabiħa ta' **Trani** li hija mlaqqma: "Il-Perla tal-Adrijatiku". Hawn flimkien mat-tour leader naraw il-Katidral di San Nikola Pellegrino li jiddomina x-xatt tas-sajjieda minn pożiżżjoni spettakolari. Inżuru wkoll iċ-ċentru storiku, Piazza dlla Repubblica, Castello Svevo u Parco Comunale. Wasal il-ħin li nħallu Puglia billi nitilqu lejn l-ajruport ta' Bari biex nirritornaw lejn Malta bir-Ryan Air Flight FR7107 li jitlaq fl-16:35 u naslu Malta 17:55 Grupp B Flight FR7107 li jitlaq fis-14:10 u naslu Malta fit-15:30

**Prezz kull Persuna**

| **Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa** | **Prezz Skontat** |
| --- | --- |
| Kamra ta’ tlett persuni | € 830 |
| Kamra żewġ persuni | € 840 |
| Kamra ta’ persuna waħda | € 910 |
| Tfal sa 11 – il sena f’ kamra ma’ żewġ adulti | € 700 |

*City Tax mhux inkluża

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-Malta Air għal Bari
- 20kgs Check-In Luggage + Reserved Seats
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 4 iljieli – Hotel Cristal Palace 4star
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection



EUROPA TOURS

**31 St Anne Str. Floriana Tel. 21243562 – 21250526**